MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2012

Numru. 144/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Daniel Briffa ta' 25 sena iben Costantino u Isabelle nee' Pace imwieled Pieta' fil-21 ta' Jannar 1987 u residenti gewwa numru 14, Triq Mose' Gatt, B'Kara detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 62887(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Daniel Briffa akkuzat talli nhar il-15 ta' Frar 2009 ghal habta tas-2:00a.m. f'B'Kara:

1. Dolozament, bi hsieb li jaghmel delitt u cioe' li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta' Nezar El Gadi f'periklu car, wera tali hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzjoni ta' tali

delitt billi ta daqqa ta' strument li jaqta', liema delitt ma giex esegwiet minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu.

2. Ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Nezar El Gadi detentur ta' numru tal-karta ta'l-identita' 25405(A) skond kif iccertifkat Dr. J. Zammit M.D. ta'l-Isptar Mater Dei;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla Daihatsu b'numru ta' registrazzjoni MAG645 ghad-dannu ta' Margaret Mifsud minn Birkirkara u fil-vettura tal-ghamla Peugeot b' numru ta' registrazzjoni GGB005 ghad-dannu ta' Michael Grech minn San Gwann liema hsara ma tiskorriex l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1164.69) imam izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47).

4. Kellu fil-pussess tieghu arma (mus) minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.

5. U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti esebii u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tat-8 ta' Marzu 2012 u l-artikoli tal-ligi hemmhekk indikati.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi huwa ma ghandux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat,

Illi ghalkemm mill-qari ta'l-akkuza jidher illi l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat tat-tentattiv ta'l-omicidju, madanakollu in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tindika illi lill-imputat qed jigi addebitat ir-reat ta'l-offiza gravi kif ukoll dik tal-hsara volontarja. Illi fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza id-difiza iddikjarat illi ma kenitx qed tikkontesta il-fatt illi l-griehi rappurtati mill-parti leza Nezar El Gadi saru mill-imputat, madanakollu huwa qieghed iressaq bhala difiza l-iskriminanti tal-legittima difeza u subordinatament jekk dina id-difiza ma tirnexxiex dik tal-eccess tal-legittima difeza jew dik tal-provokazzjoni.

Illi minn qari tal-atti processwali jidher illi fil-lejl tal-15 ta' Frar 2009, l-parti leza kien qieghed fil-karozza appartenenti lill-ex mara tieghu, meta f'hin minnhom ghadda l-imputat bir-rota tieghu. Jidher illi hekk kif wasal vicin il-vettura fejn kien qieghed El Gadi, huwa laqat il-mera tal-genb ta'l-istess vettura, kif ukoll il-mera tal-vetturali kienet ipparkeggjata quddiem dik fejn kien El Gadi li iggib in-numru GGB 005 proprjeta ta' certu Michael Grech. Ghalkemm l-imputat ghamel dina l-hsara, madanakollu huwa baqa' sejjer u ma waqafx biex jara x'kien ghamel. Ghalhekk El Gadi iddecieda li isegwieh bil-vettura, izda jidher illi f'xi hin tilfu mill-vista tieghu minhabba xi vettura ohra li imblukkatlu it-triq u anke spiccat irriversjat ghal fuqu. Madanakollu El Gadi ma qatax qalbu u baqa' ifittex fl-akkwati u fl-ahhar lemah lill-imputat fuq ir-rota tieghu. Jidher ghalhekk illi huwa saq ghal fuqu u sakkru bil-vettura u nizel ghalih ghas-sodisfazzjoni. El Gadi stess jammetti li f'dan il-mument huwa kellu demmu shun.[1] Minn hawn ma hemmx qbil bejn l-imputat u l-parti leza dwar dak li sehh ezattament, izda ma hemmx dubbju illi El Gadi ma riedx icedi u baqa' jinsisti ma'l-imputat illi huwa ihallsu ghal hsara u impedieh milli jitlaq billi zammu fizikament milli jaghmel dan. El Gadi ighid illi huwa insista illi l-imputat kellu imur mieghu ghand il-kunjati tieghu li kienu joqghod fil-vicinanzi sabiex jitkellmu dwar dina l-hsara, izda l-imputat ma riedx. El Gadi ighid illi f'dana il-mument l-imputat tah daqqa f'rasu u f'wiccu u hu induna li beda niezel id-demm minn wiccu.

[1] Ara xhieda ta' Nezar El Gadi a fol.49

Madanakollu ghalkemm kien ferut fl-ebda hin ma telaq lill-imputat minn taht idejh, baqa' izommu u ighid li kaxkru sad-dar tal-genituri tal-ex mara tieghu Dr. Margaret Mifsud. Hawnhekk jidher illi Margaret Mifsud tallbet lill-imputat jaghtiha il-partikolaritajiet tieghu biex imbaghad tivverifika kemm kienet il-hsara u tibaghtlu il-kont. L-imputat hawn jaghtihom dettalji foloz u wara jithalla jitlaq minn El Gadi. Billi El Gadi kien midrub missier Margaret Mifsud, William Mifsud jiehu lill-parti leza lejn l-isptar biex jiddewwa u minn hawn jigi irrapurtat l-incident lill-pulizija.

Billi l-imputat kien ta dettalji foloz lill-familja Mifsud, l-pulizija kellha taghmel investigazzjonijiet ulterjuri sabiex setghet tasal ghal persuna ta'l-imputat. Meta imbaghad l-imputat jigi arrestat u interrogat huwa jichad kategorikament l-involviment tieghu f'dana l-incident u isostni illi f'dik il-lejla huwa ma kienx qieghed isuq rota u fl-ebda hin ma iltaqa' mal-parti leza.[2] Wara dana l-pulizija investigattiva taghmel *identification parade* billi jigu murija xi ritratti lill-parti leza, lil Margaret Mifsud u lill-genituri taghha William u Maria Theresa Mifsud fejn dawn jikkonfermaw illi kien l-imputat illi kien involut f'dana l-incident[3]. Ukoll meta jixhdu f'dawn il-proceduri jidentifikaw lill-imputat bhala l-istess persuna li kellmu f'dik il-ghodwa tal-15 ta' Frar 2009.[4]

Illi l-imputat jaghzel li jixhed f'dawn il-proceduri. Meta jixhed, kuntrarjament ghal dak li ighid fl-istqarrija tieghu, huwa jammetti l-involviment tieghu f'dana il-kaz. Jammetti illi huwa laqat il-mera tal-vettura ta' El Gadi u li baqa' sejjer. Ighid illi wara dan l-parti leza isegwieh bil-vettura tieghu, jilhqu u jinzel ghalih bir-rabbja u bl-herra u jaqqbdu minn sidru ghas-sodisfazzjon. Ighid illi El Gadi ma riedx jitilqu u hu f'dak il-hin beza' minnu. Ghalhekk hareg ic-cwivet li kellu fil-but, qabad ic-cavvetta tal-vettura tieghu u beda ixejjer bl-amment bl-iskop illi El Gadi jitilqu. Ighid illi huwa ma jafx fejn laqtu u lanqas induna illi kien ikkagunalu xi griehi f'wiccu ghaliex bil-biza' imbaghad

[2] Ara stqarrija esebieta a fols.5, 6 u 7 tal-process.
[3] Ara Dokument SA a fol.168
[4] Ara xhieda ta' Dr. Margaret Mifsud, Marie Therese Mifsud u William Mifsud a fols.54, 57 u 60 rispettivament.

telaq jigri minn fuq il-post u baqa' sejjer dritt lejn id-dar. Mistoqsi mill-Ufficjal Prosekutur jekk El Gadi qallux xi diskors sabiex isewwi il-hsara u jekk huwa kienx offra li ihallsu ghal dina l-hsara, l-imputat ighid illi ma setax jiftakar x'diskors inghad bejniethom. Meta imbaghad jigi mistoqsi jekk El Gadi hadux sad-dar tal-kunjati tieghu u l-ex mara tieghu u jekk huwa kelliemx lil dawn in-nies, huwa ihawwad fir-risposti li jaghti ghaliex ghall-ewwel ighid illi huma kienu qeghdin faccata tad-dar taghhom u meta semghu l-ghajjat hargu, izda imbaghad meta l-Ufficjal Prosekutur jigbidlu l-attenzjoni illi dawn kienu joqghodu fi triq ohra u mhux f'dik l-istess triq, imbaghad jichad illi dawn in-nies rawh jew kellmuh. Mistoqsi jekk jiftakarx illi huwa ta dettalji foloz lil dawn in-nies ighid illi ma jiftakarx illi ghamel dan u ighid li ma ra lil hadd.[5] L-imputat jichad illi huwa kien qieghed igorr xi mus fuqu jew inkella illi huwa kien laqat lil El Gadi b'xi mus u jibqa isostni illi id-daqqa tahielu bic-cavetta.

Ikkunsidrat,

Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi l-griehi li sofra Nazer El Gadi gew ikkagunati mill-imputat u li dawn kienu ta' natura gravi billi l-ferita fuq wiccu hija cikatrici permanenti u dana kif jidher car mir-rapport esebiet mill-espert medikolegali Dr. Mario Scerri.[6] Illi mhux ikkontestat lanqas il-fatt illi l-imputat ikkaguna hsara fil-vettura ta' El Gadi ghalkemm ma ighid xejn dwar il-hsara ikkagjonata fil-vettura ta' Michael Grech.

Illi madanakollu, kif diga inghad iktar 'il fuq, l-imputat qieghed iressaq bhala difiza l-iskriminati tal-legittima difeza u cioe' illi huwa ireagixxa minhabba l-agressjoni li kienet gejja min-naha ta' El Gadi fil-konfront tieghu. Illi l-artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi:

"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita

[5] Ara xhieda ta'l-imputat a fol.336 et. seq.
[6] Ara rapport Dokument MS u xhieda a fol.301 et seq.

legittima, **jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor**."

L-artikolu 224, imbaghad jelenka is-sitwazzjonijiet fejn dina l-iskriminanti tista' tigi applikata. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Psaila deciza fl-20 ta' Jannar 1995 inghad:
"***Sabiex id-difiza tal-legittima difiza tigi invokata b'success, il-ligi timponi certi kundizzjonijiet. Cjoe' theddid ta' xi agressjoni jew dannu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli kif ukoll biex jigi evitat perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-periklu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima."***

Dwar l-element ta' l-inevitabilita` il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu "Lectures in Criminal Law, Part I", ighid hekk (pagna 104):

**"*The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means*."**

Illi ukoll fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa (Appell Kriminali Superjuri deciza 16/102003)** jinghad:

**“Din il-Qorti, kif issa komposta, tazzarda zzid li l-mod kif il-kwistjoni ta’ l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja ghandha tigi affrontata hu li wiehed jistaqsi: l-agent (ossia l-aggredit) seta’, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, ragjonevolment jevita dak il-perikolu jew dik il-minaccja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-agent seta’, billi jaghmel manuvra jew pass f’direzzjoni jew ohra, jew anke billi semplicement ma jiccaqlaqx, facilment jevita l-periklu jew minaccja li kien qed jara fil-konfront tieghu, allura, jekk ma jaghmilx hekk jigi nieqes l-element tal-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja. Jekk, pero`, mill-banda l-ohra, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-agent ma kellu jaghmel xejn minn dan jew, anzi, kellu jibqa’ ghaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaccja, allura b’daqshekk ma jigix nieqes l-element ta’ l-inevitabilita.”**

Ikkunsidrat,

Illi minn ezami akkurat tal-provi ma hemmx dubbju illi El Gadi u cioe’ l-parti leza kien irrabjat ghall-imputat minhabba l-hsara li kien ikkagunalu fil-vettura ta’ martu. Tant kien irrabjat ghalih illi anke meta huwa jigi midrub mill-imputat xortawahda jibqa’ izommu u ma ihalliehx jitlaq. Fil-fatt ighid illi irnexxielu ikaxkru sad-dar tal-kunjati tieghu biex jissettilja dina l-kwistjoni. Minn naha l-ohra, madanakollu, l-Qorti ma tistax temmen ghal kollox il-verzjoni moghtija mill-imputat. Fl-ewwel lok, l-imputat meta jigi interrogat jichad kategorikament l-involviment tieghu. Huwa ighid illi ghamel dan ghax kien qieghed jibza. Izda li kieku dana kien minnu, kien mal-ewwel ighid lill-Ispettur Taliana illi kien gie aggrediet minn El Gadi u li laqtu biex jiddefendi ruhu. Meta imbaghad jixhed jammetti illi kien hu li ikkaguna l-griehi fuq El Gadi izda ighid illi ghamel dana biex jiddefendi ruhu mill-aggressjoni ta’ dana il-bniedem li baqa’ iswgieh bil-vettura tieghu, nizel ghalih f’nofs ta’ lejl u hebb ghalih tant illi qabbdu minn ghonqu u ma halliehx jitlaq. Konvenjentement izda ighid illi wara li laqat lil El Gadi u irnexxielu jahrab mill-qabda tieghu, jahrab jigri minn fuq il-post u imur lejn id-dar. Dana izda

mhux minnu. L-imputat tant ma kienx imbezza’ minn El Gadi li imur mieghu fir-residenza tal-konjugi Mifsud u hemmhekk ikellimhom u sabiex huwa jahrab mir-responsabbiltajiet tieghu u cioe’ li kien ikkaguna il-hsara fil-vettura taghhom, jaghti dettalji foloz biex ma jinstabx. Dawn il-fatturi kollha iwasslu lil dina l-Qorti ghal konkluzjoni illi l-minaccja li kellu l-imputat ma kenitx xi wahda gravi u inevitabbli kif trid il-ligi. Fil-fatt wara li jaghti d-daqqa lill-El Gadi huwa imur mieghu placidament lejn id-dar ta’ Mifsud u ma jipprovax jirritalja iktar ghal dina l-aggressjoni tant illi l-Qorti hija tal-fehma illi huwa ma baqax imbezza ghaliex altrimenti huwa kien jaghmel xi sforz u jipprova jahrab jew jallontana ruhu minn El Gadi li issa kien ferut b’kwantita’ ta’ demm niezel minn wiccu u rasu u ghalhekk ma kienx ikun difficli ghalih li jahrab mill-qabda tieghu. Izda huwa ma jaghmel xejn minn dana kollu. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi ma jirrikorrux l-elementi ghal legittima difeza kif trid il-ligi.

Illi f’sentenza ohra deciza mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali fis-26 ta’ Awissu 1998, fis-sentenza Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro inghad:

***“Mhux kull min jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista’ jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar bzonn attwali ta’ difiza legittima ta’ dak li jkun jew ta’ haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, huwa ormai stabbilit li, biex wiehed jista’ jinvoka dina l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli.”***

Madanakollu l-Qorti ma tqiesx illi l-imputat ghal xejn b’xejn agredixxa lill-parti leza u ghalhekk f’dana il-kaz jirrizultaw l-elementi ta’l-eccess tal-legittima difeza kif esposti fl-artikolu 227(d) tal-Kapitolu 9. Il-ligi tiddisponi illi dina l-iskriminanti tirrizulta:

**“ jekk isir minn persuna illi, fil-waqt li tkun taġixxi taħt iċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 223, toħroġ barra mil-limiti imposti mil-liġi jew mill-awtorità, jew mil-bżonn:**

**Iżda, dan l-eċċess ma jkunx suġġett għal piena, jekk ikun sar minħabba li l-persuna tkun inħasdet, beżgħet jew twerwret”**.

Illi dana huwa proprju dak li sehh f’dana il-kaz. L-imputat gie rinfaccjat b’persuna li avvicinatu b’herra tallega li huwa kien ghamel xi hsara fil-vettura tieghu. L-imputat minn naha tieghu rinfaccjat b’dina l-aggressjoni ipprova jahrab u jaghmel dana billi jaqbad ic-cwievet li ikollu f’idejh u ixejjer daqqa fid-direzzjoni ta’l-agressur tieghu. Izda meta jara illi El Gadi xortwahda jibqa’ izommu u jinsisti mieghu li jisettilja dina il-kwistjoni huwa jieqaf mil-aggressjoni tieghu u ihallieh jiehdu lejn ir-residenza ta’ Mifsud. Ma jidhirx illi l-imputat hawnhekk kien imbezza ghalkemm jipprova igieghel lill-Qorti temmen illi huwa harab minn fuq il-post. Ghalhekk ghalkemm dana huwa kaz ta’ eccess ta’ legittima difeza, il-Qorti ma hijiex tal-fehma illi f’dana il-kaz kien hemm dik il-biza jew hasda u dak it-twerwir li igibu l-impunita.

Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi f’dana il-kaz japplikaw l-estremi ta’l-eccess tal-legittima difiza bhala skuzanti ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfront ta’l-imputat u cioe’ ghall-akkuza ta’l-offiza gravi fuq il-persuna.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat qed jigi akkuzat ukoll illi ikkaguna hsara volontarja fuq zewg vetturi. Illi ghalkemm ma hemmx dubbju illi kien l-imputat li ikkaguna il-hsara imsemmija, madanakollu ma hemm l-ebda prova fl-atti illi l-imputat b’intenzjoni specifika ikkaguna tali hsara. L-imputat ighid illi huwa laqat il-mirja in kwistjoni bil-handle bar tar-rota li kien qieghed isuq. L-parti leza ighid illi rah qed jolqothom b’siequ, izda anke kieku stess il-Qorti kellha temmen il-verzjoni ta’ El Gadi xortwahda ma hemmx prova fl-atti illi l-imputat ghamel dana intenzjonalment u mhux accidentalment. Ghaldaqstant fin-nuqqas ta’ provi cari, l-Qorti ser issib htija biss ghal hsara involontarja kif previst fl-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9.

Illi fir-rigward ta'l-imputazzjonijiet konnessi mal-uzu ta' arma minn naha ta'l-imputat, li f'dan il-kaz allegatament kien mus, ghandu jinghad illi minn imkien mill-atti ma gie ippruvat illi l-imputat kellu fil-pusess tieghu xi mus jew arma ohra. Lanqas il-parti leza stess ma ighid illi ra xi mus f'idejn l-imputat izda ighid illi qala daqqa mill-imputat izda ma ighidx kif qala dina id-daqqa jew jekk intuzatx xi arma. Fil-pussess ta'l-imputat il-pulizija ma sabu l-edba armi u lanqas imwies. Illi ghalkemm l-espert medikolegali Dr. Mario Scerri ighid illi l-feriti li jirriskontra fil-parti elza huma kompatibbli ma' strument li jaqta u bil-ponta, madanakollu l-Qorti kellha l-opportunita tosserva il-ferita li kellu El Gadi u ma tistax teskludi illi din ail-ferita setghet saret bil-ponta tac-cavvetta li l-imputat wera lill-Qorti fil-kors tax-xhieda tieghu. Kwindi fin-nuqqas ta' provi lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, l-imputat ser jigi illiberat min dawn l-akkuzi.

Finalment dwar l-akkuzi ta' natura kontravvenzjonali ghandu jinghad dan li gej. Illi fl-ewwel lok l-imputat huwa akkuzat bil-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika. Il-Qorti sejra taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Maria Concetta Green' (Volum LXXXIII Part IV paġina 441):

**'*L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat ġew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil.*****

***L-iskambju ta' kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jiżviluppa fih, jew***

***iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta') ma jammontax għall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali.'***

Illi mil-provi akkwiziti jirrizulta illi ghalkemm kien hemm skambju ta' kliem bejn l-imputat u l-parti leza u ghalkemm l-imputat ikkaguna xi griehi fuq il-persuna tal-parti leza, madanakollu ma jidhirx illi kien hemm il-*breach of the peace* kif trid il-ligi tant illi ma jidhirx illi f'dak il-hin kien hemm xi nies ohra fit-triq  jew inkella li l-istorbju bejn dawn in-nies gieghel lil xi nies johorgu minn djarhom. Ghall-inqas fl-atti ma hemmx provi li jindikaw dan. Kwindi l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

Illi fit-tieni lok, fir-rigward ta'l-akkuzi l-ohra ta' natura kontravvenzjonali kif previst fl-artikoli 339(1)(d)(e)(i)(l), billi kif deciz iktar 'il fuq l-imputat agredixxa lill-imputat u ikkaguna il-griehi lill-parti leza b'eccess ta' legittima difeza, kwindi huwa ser jigi illiberat minn dawn l-akkuzi.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(b)(2), 227(d), 230(d), 233(1)(a)  328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tar-reat ta'l-offiza gravi fuq il-persuna ta' Nezar El Gadi, liema reat madanakollu huwa skuzabbli ai termini ta'l-artikolu 227(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tar-reat tal-hsara involontarja fuq il-proprjeta ta' Dr. Margaret Mifsud u ta' Michael Grech u tikkundannah ghal perijodu ta' xahrejn prigunerija, li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil hati ihallas l-ammont ta' €1024.48, lir-Registratur tal-Qorti bhala spejjez peritali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------